**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 4 ta' Frar 2021**

Rikors Numru: 372/20 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 22/2006)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ippremettiet:

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iż-żwieġ fil-25 ta' Frar tas-sena 2006 (Dokument AG 1) u miż-żwieġ tagħhom kellhom tifla, E D illi twieldet fl-10 ta' April 2010.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu infirdu minn xulxin b'kuntratt ta' separazzjoni ppublikat minn-Nutar Dottor Liza Schembri fit-tlieta ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (03.05.2016) ( Dokument AG 2)

3. Illi kif jirriżulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis-separazzjoni tagħhom irregolaw l-obbligi tal-ħlas tal-manteniment billi kienu irrinunzjaw mid-drittijiet rispettivi tagħhom illi jitolbu l-manteniment mingħand xulxin (Artikolu 2 a fol 2); Inoltre l-manteniment għall-imsemmija tifla, E D, ġie regolat fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (Artikoli 8 a fol. 4 u 5).

4. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi għalhekk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti u in vista tal-fatt l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m'huwiex meħtieġ illi ssir medjazzjoni bejniethom.

Talbet lill-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex previa s-smigħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Bl-ispejjeż.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-30 ta' Ottubru, 2020;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla fuq domanda tal-Qorti wieġeb li ma għandu l-ebda oġġezzjoni li jintlaqgħu it-talbiet kollha kontenuti fir-rikors promotur;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-3 ta' Mejju tal-2016;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.